

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni: talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark ikkonċernata miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni annullata u talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark ikkonċernata milqugħha

Motivi invokati: il-ksur ta' l-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, billi t-trade mark "Notfall Bonbons" ġħall-prodotti kkonċernati, mhijex deskrittiva u hija nieqsa mill-karattru distintiv

Rikors ippreżentat fl-10 ta' Settembru 2008 — Aldi Einkauf vs UASI — Illinois Tools Works (TOP CRAFT)

(Kawża T-374/08)

(2008/C 313/63)

Lingwa tar-rikors: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Aldi Einkauf GmbH & Co. OHG (Essen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: N. Lützenrath, U. Rademacher, L. Kolks u C. Fürsen, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Illinois Tools Works, Inc. (Glenview, Stati Uniti)

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tal-25 ta' Ġunju 2008 (Każ R 952/2007-2);
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark figurattiva "TOP CRAFT" għal prodotti fil-klassijiet 1 u 3 (Applikazzjoni Nru 3 444 767)

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Illinois Tools Works, Inc.

Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: it-trade marks figurattivi nazzjonali "kraft", għal prodotti fil-klassijiet 1 u 3

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni milqugħha parzialment

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: tannulla d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni, sa fejn din tilqa' l-oppożizzjoni għal prodotti "Prodotti kimiċi maħsuba għall-agrikultura, l-ortikoltura u s-silvikultura" tal-klassi 1.

Motivi invokati: ksur tal-Artikoli 8(1)(b) u 43(2) u (3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, kif ukoll tar-Regola 22(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95, billi:

- l-użu tat-trade marks li fuqhom hija bbażata l-oppożizzjoni ma tistax tkun ipprovata permezz tad-dokumenti mressqa mill-opponent;
- it-trade marks kunfliġġenti jippreżentaw differenzi grafiċi evidenti;
- l-element verbali "TOP" mhuwiex deskrittiv u għandu karattru distintiv dghajnej, u
- anki fir-rigward ta' prodotti identiċi jew simili tista' tiġi eskluża probabbiltà ta' konfużjoni minħabba d-differenzi grafiċi evidenti u minħabba l-element verbali miżjud "TOP" fit-trade mark li għaliha saret applikazzjoni.

Rikors ippreżentat fil-11 ta' Settembru 2008 — Mustang vs UASI — Decathlon (rappreżentazzjoni ta' linja mmewwga)

(Kawża T-379/08)

(2008/C 313/64)

Lingwa tar-rikors: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Mustang — Bekleidungswerke GmbH + Co. KG (Künzelsau, il-Ġermanja) (rappreżentanti: A. Klett u K. Weimer, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Decathlon SA (Villeneuve d'Ascq, Franzja)

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-Deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tat-8 ta' Lulju 2008, fil-Każ R 859/2007-4 u
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż ta' din il-kawża, kif ukoll tal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell, inklużi l-ispejjeż neċċessarji għar-riktorrenti fiż-żewġ proċedimenti.